**61. Il-Prim Ministru, l-Onor. Edward Fenech Adami ppropona:-**

Din il-Kamra tagħraf illi hawn qbil fil-pajjiż illi r-ristrutturazzjoni ta' l-ekonomija ta' pajjiżna hija meħtieg biex inkunu kapaci nikkompetu fi swieq internazzjonali u li l-istrutturi ekonomici tagħna jkunu fuq l-istess livell ta' pajjiżi oħra u integrati magħhom;

Il-Kamra tagħraf ukoll li parti importanti minn dan it-tibdil hu li l-Gvern joħrog kemm jista' jkun mill-ġestjoni ta' kumpanniji kummerċjali fid-diversi setturi ekonomiċi u b'dan il-mod jixpruna l-ekonomija tagħna lejn l-aħjar użu tar-riżorsi limitati tagħna b'impenn sħiħ li jiġi mħares bl-aħjar mod it-tessut soċjali ta' pajjiżna.

Din il-Kamra tqis li l-ftehim li ntlaħaq mal-HSBC dwar il-bejgħ ta' l-ishma li l-Gvern għandu fil-Mid Med bħala pass konkret f'din id-direzzjoni.

19.04.1999